MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Appell Civili Numru. 2284/1997/3

**Avviz numru 2284/97**

**Doris Depiro Gourgion, Maria Arrigo f'isimha propju u bhala mandatarja tal-assenti Dr Louis J Sant Cassia, Alexandra Radmilli, Mark Pace, Maria Galea u John Pace u stante l-mewt ta' Doris Depiro Gourgion l-atti tal-kawza gew tarfuzi f'isem Mark Pace minflok l-istess Doris Depiro Gourgion li assuma l-atti tal-kawza b'nota datata 8 ta' Jannar 2009**

**vs**

**Kate Sullivan u Captain Michael Bonello**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta’ ritrattazzjoni tal-imsemmijin Kate Sullivan (KI:0429602L) u Captain Michael Bonello (KI:741840M) fejn gie premess:-

1. Illi permezz ta’ Avviz Numru 2284/97 ipprezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet “Doris Depiro Gourgion, Maria Arrigo f’isimha propju u bhala mandatarja tal-assenti Dr Louis J Sant Cassia, Alexandra Radmilli, Mark Pace, Maria Galea u John Pace Vs Kate Sullivan u Captain Michael Bonello” l-atturi talbu illi l-konvenuti jigu zgumbrati fi zmien qasir u perentorju mill-fond dekontrollat 2, St Paul Square, Mdina li kien mikri lill-konvenuta Sullivan u li l-lokazzjoni tieghu giet terminata bil-kongedo moghti.

2. Illi fir-risposta taghhom il-konvenutI Captain Michael Bonello u Kate Sullivan eccepew illi:

a) In linea preliminari l-inkompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) stante illi hawn si tratta ta’ fond residenzjali fil-perjodu ta’ rilokazzjoni u kull terminazzjoni ta’ kirja fil-perjodu ta’ rilokazzjoni tista’ tigi deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera.

b) Preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-atturi iridu jippruvaw it-titolu taghhom u li l-fond mikri huwa fil-fatt iddekontrollat.

c) Bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghadhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom stante illi l-eccipjent Captain Michael Bonello ghandu titolu ta’ kera fuq il-fond de quo u ilu rikonoxxut bhala inkwilin mill-awtur ta’ l-atturi mis-sena 1968 mil-liema data ghex fil-fond de quo bhala residenza ordinarja tieghu u hallas il-kera in kwistjoni.

d) Illi dwar l-ewwel eccezzjoni il-konvenuti inghataw il-fakolta’ lilli jaghmlu nota ta’ sottomissjonijiet, fejn gie sottomess illi:-

In via preliminari u ghar-ragunijiet ta’ ordni pubbliku, u in vista tal gurisprudenza ricenti in materja, gie accettat u

ripetutament deciz minn dawn il-Qrati illi la darba l-Qorti jirrizultalha li hemm titolu ta' lokazzjoni u dan fil-kaz in ezami jirrizulta car mill-istess avviz, l-ittra ufficjali tat-3 ta' Jannar 1997, il-kuntratt ta' lokazzjoni datat 25 ta' Lulju 1968, l-iskrittura privata datata 14 t'Ottubru 1977, il-guridizzjoni fit-terminu ta' rilokazzjoni mhux tal-Qrati Ordinarji, imma tal-Bord li jirregola l-Kera u ghalhekk, din il-Qorti mhijiex kompetenti ratione materiae u m'ghandhiex gurisdizzjoni.

A. Illi kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet Rev Henry Abela v Joseph Brown, mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri (20/01/1993), il-Qorti qalet: 'issa huwa minnu illi huma l-Qrati Ordinarji li huma kompetenti li jiehdu konjizzjoni ta' kwistjonijiet jekk l-inkwilin ghandux titolu jew le biex jiddetjeni fond, imma la darba jigi stabbilit li titolu jezisti, ghalkemm jista' jigi terminat, dik it-terminazzjoni tista' biss tigi deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera.

B. Illi dan il-principju kien gia gie enuncjat fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri (12/02/1991) fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Saydon et vs Francis Borg, u fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell (11/05/1992) fl-ismijiet Edward Borg vs Edward Bartlett et.

C. Illi inoltre dan il-principju kien rega' gie enuncjat fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati konfermata fl-Appell Sede Inferjuri mis-Sinjurija tieghu l-Onor Prim Imhallef Joseph Said Pullicino fil-kawza fl-ismijiet Thomas Cauchi et vs Lawrence Caruana (29/03/1996) fejn l-Ewwel Qorti ssollevat eccezzjoni ratione materiae sua sponte minghajr mal-partijiet dahlu fiha stante li hija kwistjoni ta' ordni pubbliku u ta' gurisdizzjoni li tezawtorixxi l-kompetenza tal-Qrati Ordinarji.

D. Illi dan kollu jindika illi minn dejjem il-Qrati taghna b'mod kostanti ddecidew illi meta si tratta ta' kwistjoni bhal dik in ezami, l-istess Qorti ssollevat li hija

m’ghandhiex gurisdizzjoni u hekk ukoll ghandha taghmel din l-Onorabbli Qorti f’dan il-kaz.

E. Ghaldaqstant il-konvenuti jirreiteraw l-inkompetenza ta’din il-Qorti stante illi hawn si tratta ta’ kirja ta’ fond residenzjali fil-perjodu ta’ rilokazzjoni u kull terminazzjoni ta’ kirja fil-perjodu ta’ rilokazzjoni tista’ tigi deciza biss mill-Bord li Jirregola l-Kera.

3. Illi l-atturi inghataw il-fakolta illi jaghmlu nota ta’ sottomissjonijiet fejn issottomettew illi:

A. Jirrizulta illi fit-2 t’Awossi 1961, il-fond in kwistjoni kien gie dekontrollat;
B. Fil-25 ta’ Lulju 1968, u cioe seba’ snin wara, l-Avukat Alessandro De Piro Gourgion awtur ta’ l-atturi kien ikonceda b’titolu ta’ lokazzjoni lill-konvenuta Kate Sullivan il-fond in kwistjoni ghall-perjodu ta’ hames snin minn meta l-inkwilin ta’ dak iz-zmien Harold Purdy jittermina l-lokazzjoni favur tieghu;
C. Harold Purdy kien ittermina l-lokazzjoni fil-31 ta’ Dicembru 1968, u l-konvenuta Kate Sullivan bidet il-kirja favur taghha fl-1 ta’ Jannar 1969 u ghadha tokkupa l-fond sal-lum;
D. Fl-okkupazzjoni ta’ l-istess fond dahal il-konvenut l-iehor Michael Bonello li pero qatt ma gie rikonoxxut bhala ko-inkwilin;
E. Dan huwa rikonoxxut minnu stess kif jidher mill-annessa ittra datata 31 ta’ Awissu 1995;
F. Dawn huma in succinct il-fatti li ghandhom jiddeterminaw f’dan l-istadju jekk din il-Qorti hijiex kompetenti li tiehu konjizzjoni ta’ din il-kawza;
G. Huwa fatt li ma jistax jigi kontestat illi meta saret il-lokazzjoni imsemmija l-fond in kwistjoni kien dekontrollat;
H. Konsegwentement huwa ben not illi din il-lokazzjoni ma ghandhiex tigi regolata mill-Kap 69 izda mill-Kodici Civili;
I. Konsegwentement wara l-gheluq tal-hames snin tal-kirja konvenuta bejn l-awtur ta’ l-atturi u l-konvenuta Kate Sullivan, il-lokatur kellu kull dritt fi

kwalunkwe zmien li jaghti l-congedo lill-inkwilin tieghu kif provdut fl-Artikoli 1536 u 1537 tal-Kodici Civili;

J. Fil-fatt b'ittra ufficjali tat-2 ta' Jannar 1997, l-esponenti taw il-kongedo lill-konvenuta skond il-ligi u ghalhekk illum din qed tokkupa l-fond minghajr titolu;

K. Ghalhekk kull referenza maghmula mill-konvenuti ghas-sentenzi msemmija hija rrelevanti u mhux applikabbli ghall-kaz peress li dawn jirrigwardjaw il-lokazzjoni skond it-termini tal-Kap 69 u mhux lokazzjoni ta' fond dekontrollat regoalta mill-Kodici Civili;

4. Illi inghatat sentenza preliminari fejn gie ritenut mill-Qorti illi jidher evidenti li dan il-kaz, mill-aspett kif hawn fuq premess hu ta' kompetenza ta' din il-Qorti bhala t-Tribunal Ordinarju skond il-Ligi. Ghalhekk il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti kif dedotti.

5. Illi sussegwentment, il-konvenuti talbu awtorizazzjoni sabiex jintavolaw appell mis-sentenza preliminari moghtija fil-15 ta' Frar 2000, quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, liema talba kienet giet milqugha;

6. Illi l-konvenuti ghamlu rikors ta' appell quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fejn talbu illi s-sentenza preliminari datata 15 ta' Frar 2000 tigi mhassra u revokata, u sabiex l-ewwel eccezzjoni ta' inkompetenza ratione materiae tal-konvenuti tigi akkolta.

7. Illi l-atturi intavolaw risposta ghall-appell fejn talbu illi l-appell jigi michud.

8. Illi permezz ta' sentenza datata 16 ta' Marzu 2001, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) ippronuncjat sentenza fejn cahdet l-appell u rrimettiet l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tkompli tittratta l-kawza fil-mertu.

9. Illi wara li l-kawza giet trattata nghatat sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-22 ta' Novembru 2010, fejn gew michuda t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti, kif ukoll intlaqghu t-talbiet attrici, u l-konvenuti gew ordnati sabiex jizgombraw mill-fond dekontrollat. Ghall-fini ta' l-

izgumbrament gie prefiss it-terminu ta' tliet xhur, l-ispejjez jithallsu mill-konvenuti.

10. Illi l-intimati fil-kawza hassew ruhhom aggravati bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Novembru 2010, u interponew appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell. L-intimati appellanti talbu lill-Qorti ta' l-Appell sabiex tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-sens illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti waqt li tichad it-talbiet attrici u konsegwentament ma tordnax l-izgumbrament mill-fond dekontrollat 2, St. Paul Square, Mdina mikri lill-appellanti ntimati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

11. Illi l-atturi appellati irrispondew illi l-appell tal-konvenuti ghandu jigi michud u li s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tat-22 ta' Novembru 2010 ghandha tigi kkonfermata bl-ispejjez kontra taghhom;

12. Illi pendente lite, Doris Depiro Gourgion, ghaddiet ghal hajja ohra u l-atti gew trasfuzi f'isem Mark Pace minflok l-istess Doris Depiro Gourgion li assuma l-atti tal-kawza b'nota datata 8 ta' Jannar 2009.

13. Illi permezz ta' sentenza datata 29 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), iddecidiet l-appell billi ma laqghetx it-talba ta' l-appellanti ghar-revoka tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti datata 22 ta' Novembru 2010 u kkonfermat is-sentenza appellata, b'dan illi t-terminu prefiss ghall-izgumbrament gie ridott ghal tletin gurnata, u l-ispejjez kontra l-appellanti.

14. Illi l-intimati appellanti fil-kawza ta' l-Avviz Numru 2284/97JAB fl-ismijiet Doris Depiro Gourgion, Maria Arrigo f'isimha propju u bhala mandatarja ta' l-assenti Dr Louis J Sant Cassia, Alexandra Radmilli, Mark Pace, Maria Galea u John Pace vs Kate Sullivan u Captain Michael Bonello, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Frar 2012, jissottomettu illi hemm ragunijiet li minhabba fihom il-kawza ghandha tigi ritrattata, u permezz ta' dan ir-rikors maghmul minn Kate Sullivan u Captain Michael

Bonello, huma qeghdin jitolbu illi s-sentenza msemmija tad-29 ta’ Frar 2012 ghandha tigi mhassa u li l-imsemmija kawza tigi ritrattata ghar-ragunijiet segwenti:

A. Illi fis-sentenza de quo, ghar-rigward ta’ l-aggravji illi: mill-provi jirrizulta li l-kirja tal-fond 2, St Paul Square Mdina kienet favur iz-zewg konvenuti u li hekk kellu jigi ritenut mill-ewwel Qorti; illi mid-data li l-konvenuta Kate Sullivan saret cittadina Maltija hija kellha d-dritt li tibqa’ tokkupa l-fond b’titolu ta’ kera abbazi ta’ l-Artikolu 5 tal-Kap 158; illi l-kera tal-fond kienet tghajjat ukoll lill-konvenut Michael Bonello li gie rikonoxxut bhala inkwilin kif jirrizulta mil-ledger a fol 49 u fol 69 u atti ohra, il-Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha, ragunijiet ghal ritrattazzjoni skond l-Artikolu 811(I) tal-Kap XII tal-Ligijiet ta’ Malta.

B. **L-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) irriteniet fil-konsiderazzjonijiet taghha illi mhijiex konvinta illi dak sottomess mill-konvenut illi kien sar rikonoxximent tieghu, izda jista’ jirrizulta biss illi l-konvenut bhala konviventi mal-konvenuta kien intrabat illi jhallas arretratt ta’ kera dovuti mill-konvenuta. Irriteniet ukoll illi ma jistax ma jigix notat ukoll, illi mill-atti ta’ kawzi ohrajn esebiti minn Noel Radmilli, l-istess konvenuta tirreferi ghaliha nnifisha bhala “the tenant” waqt li l-konvenut jghid illi huwa jirrisjedi fl-istess post.**

C. Illi kemm l-ewwel Qorti kif ukoll il-Qorti ta’ l-Appell ma hadux in konsiderazzjoni c-cirkostanzi li kienu jiccirkundaw l-iffirmar ta’ l-iskrittura originali ta’ kera datata 25 ta’ Lulju 1968. Captain Michael Bonello u l-awtur ta’ l-atturi, Dr Alessandro Depiro Gourgion, kienu hbieb. Captain Michael Bonello, dak iz-zmien, kien ghaddej minn proceduri ta’ separazzjoni legali minn martu Linda u xtaq illi jistabbilixxi familja ma’ Kate Sullivan. Huwa xtaq illi flimkien huma jikru l-fond 2, Pjazza San Pawl, Imdina, pero’ minhabba illi f’dak iz-zmien mhux talli kien immorali talli kien reat punibbli skondi d-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali, li ragel idahhal konkubina f’daru (Il-Pulizija vs Grezzju Cassar et Appell Inferjuri 28/02/1959), is-

sitwazzjoni tieghu ma kinetx wahda felici. Illi dak iz-zmien, Dr Alessandro Depiro Gourgion ukoll kien personalment involut fi trijangolu ta' mhabba, ma' dik li wara l-mewt ta' zewgha Edward Peralta, saret martu, u seta' jifhem is-sitwazzjoni ta' siehbu. Kien hu stess illi fil-fatt kien issuggerixxa li l-iskrittura ta' kera tkun f'isem Kate Sullivan, u mhux fuq isem Captain Bonello.

D. Illi dan kollu sar sabiex Captain Michael Bonello u Kate Sullivan ikunu protetti mill-mannara ta' Ligi arkajka, li mhux talli ma kinetx taghti d-dritt illi wiehed jannulla jew iholl iz-zwieg fallut tieghu, talli kienet tippenalizza persuni illi jippruvaw ikomplu hajjithom wara l-falliment taz-zwieg taghhom. Ghal Captain Michael Bonello ma kienx permess illi japplika ghal annullament tal-Knisja stante illi r-ragunijiet li taw lok ghal separazzjoni personali minn martu ma kinux anticedenti ghaz-zwieg tieghu. Annullament civili lanqas ma kien jezisti ghaliex lanqas kien hawn Ligi taz-Zwieg. Divorzju ma kienx ezistenti lanqas. Illi dan l-istat ta' fatt baqa' jissussisti sal-bidu tad-disghinijiet. Fil-fatt fis-sentenza ghall-kawza fl-ismijiet Elsie Darmanin vs Richard Faulkner (15/12/1988) il-Prim'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onor Imhallef Dr Joseph Filletti irriteniet illi '**il-qorti ma tistax taghti decizjoni li thalli sitwazzjoni ta' konkubinat, ghax din mhux biss tmur kontra l-morali pubblika imma wkoll kontra l-ligi.'** U konsegwenza ta' dan kollu, Kate Sullivan u Captain Michael Bonello kellhom jezercitaw kawtela liema bhala sabiex ma jisfghux vittmi ta' dawn il-ligijiet.

E. Illi kien fid-dawl ta' dan kollu, illi l-iskrittura ta' kera originali datata 25 ta' Lulju 1968, kienet giet iffirmata f'isem Kate Sullivan biss, pero Michael Bonello kien rikonoxxut bhala inkwilin a tempo vergine, u mhux bhala persuna li kien konviventi ma' Kate Sullivan. F'dan iz-zmien, Doris Depiro Gourgion kienet ghadha mizzewga lil u tghix ma' Edward Peralta, u ghalhekk ma kinetx edotta minn dawn il-fatti.

F. Illi r-rikonoxximent ta' Captain Michael Bonello bhala inkwilin mill-awtur ta' l-atturi johrog car mid-

dokumenti a fol 65 sa 68. Dokument a fol 65 huwa intitolat:

**‘Statement of payments made by Michael and Kate in respect of rent for home at Mdina from April 1975 – first payment made by Michael by banker draft.’**

G. Illi hawnhekk biss wiehed mhux talli ghandu jasal ghall-konkluzzjoni illi kien hemm rikonoxximent ta’ Michael Bonello bhala inkwilin, talli ghandu jaghraf l-intimita ta’ bejn hbieb – Michael u Kate huma indikati minghajr il-kunjomijiet rispettivi taghhom. Ir-referenza ghal home u mhux ghal house fost l-ohrajn.

H. Illi d-dokument a fol 66 huwa ittra mibghuta mill-awtur ta’ l-atturi lill-konvenuti. Din l-ittra ukoll turi l-hbiberija ezistenti bejn il-partijiet u dan minhabba s-segwenti. Capatin Michael Bonello huwa ndirizzat b’ismu. It-tislija fl-ahhar ta’ l-ittra minn Dr Depiro Gourgion mhijiex wahda formali, imma hija wahda ta’ awgurju ghal Michael u ghal Kate. Finalment Dr Depiro Gourgion, ma ffirmax bl-isem formali tieghu ta’ Alessandro, pero’ ffirma bl-isem li kienu jghajtulu familjari u hbieb, u cioe Sander.

I. Illi d-dokument a fol 67, hija ukoll ittra indirizzata lil Captain Bonello b’ismu, u ffirmata bl-isem informali ta’ Sander. Din hija covering letter ghad-dokument a fol 65.

J. Illi d-dokument a fol 68, huwa skrittura privata bejn Alessandro Depiro Gourgion u Michael Bonello ghal hlas ta’ arretrati ta’ kera fuq il-fond 2, Misrah San Pawl, Mdina. Imkien fl-iskrittura ma hemm imsemmi jew indikat illi Michael Bonello kien qieghed jintrabat li jhallas id-debitu ghan-nom ta’ Kate Sullivan, imma kien debitur f’ismu propju.

K. Illi d-dokument a fol 78 huwa ittra ohra datata 12 t’Awissu 1992, mibghuta minn Dr Alessandro Depiro Gourgion lil Captain Bonello. F’din l-ittra ghal darb’ohra tohrog l-informalita u dan ghaliex Dr Depiro Gourgion jindirizza lil Captain Bonello bhala Michael, u jiffirma bhala Sander.

L. Illi dawn id-dokumenti kollha ikomplu jikkonfermaw it-tezi tal-konvenuti appellanti illi Captain Michael Bonello kien rikonoxxut bhala inkwilin mis-sid sa mill-bidu nett tal-kirja u dana stante illi minkejja li l-iskrittura originali ta’ kera kienet giet iffirmata minn Kate Sullivan, kwalunkwe skritturi u korrispondenzi dejjem saru bejn Captain Michael Bonello u Dr Alessanro De Piro Gourgion.

M. Illi l-amicizzja bejn Dr Alessandro Depiro Gougion u l-konvenuti appellanti baqghet soda tanti illi meta, wara l-mewt ta’ Edward Peralta, Dr Depiro Gourgion kien izzewweg lill-armla tieghu Doris, huma kienu mistednin ghat-tieg taghhom fil-Hilton Hotel nonostante illi t-tieg kien wiehed zghir. Sussegwentment iz-zewg koppji kienu jistiednu lil xulxin fir-residenzi rispettivi taghhom u anke gieli hargu flimkien.

N. Illi Noel Radmilli dahal fix-xena wara l-mewt ta’ l-Avukat Dr Alessandro De Piro Gourgion nhar is-26 ta’ Mejju 1995. Dan huwa kkonfermat mill-ittra datata 1 ta’ Gunju 1995 mibghuta minn Noel Radmilli lil Michael Bonello a fol 69. Illi dan allura jikkonferma illi Noel Radmilli ma kienx edott mill-fatti, u lanqas ma kien konsapevoli tal-fatt illi l-awtur tieghu kien irrikonoxxa lil Michael Bonello bhala inkwilin. Cio’ nonostante, u minkejja d-dokumenti inkluz il-ledger, illi kienu jikkonfermaw illi l-awtur tieghu kien irrikonoxxa lil Captain Michael Bonello bhala inkwilin, huwa iddecieda illi jiehu passi sabiex jizgumbra lilu u lil Kate Sullivan mill-propjeta in dizamina.

O. Illi f’pagna 1 ta’ l-affidavit tieghu, a fol 84, Noel Radmilli skanta kif ma kien jaf b’hadd mill-100 ruh li kien jhallsu qbiela, kera jew cens ghand Dr Alessandro De Piro Gourgion li ma kienetx tinhariglu ricevuta, u hadd mill-150 ruh ohra li kienu jhallsu qbiela, cens jew kera ghandu bhala amministratur taz-zewg hutu li ma kinetx tinhariglu ricevuta. Hawnhekk ta’ min wiehed jerga’ ghal darb’ohra jigbed l-attenzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti illi r-relazzjoni

ta' bejn Dr Alessandro De Piro Gourgion u Kate Sullivan u Captain Bonello kienet tmur oltre dik ta' sempliciment lokatur u inkwilin. Kien hemm relazzjoni ta' hbiberija. Di piu, Dr De Piro Gourgion kien awtorizza lil Michael Bonello sabiex ihallas il-kera permezz ta' standing order (fol 66), u dan minnu nnifsu hu ricevuta.

P. Illi ghar-rigward tal-lanjanza ta' Noel Radmilli fit-tieni pagna ta' l-affidavit tieghu a fol 85 illi l-konvenuti kienu tardivi fil-hlas tal-kera fl-ewwel sitt snin tal-kirja, jinghad illi l-awtur tieghu ma kellu ebda problemi b'dan, u qatt ma ha passi legali ghax kien kuntent bihom. Ir-rimarka imbaghad illi: '**ma stajt nifhem qatt kif kul inkwilin kellu rcevuta u kienu biss din Kate Sullivan li ma nghatatx ircevuta minkejja l-mod irregolari illi kienet thallas'** tikkonferma illi Noel Radmilli ma kienx jaf bl-amicizzja li kienet tezisti bejn il-konvenuti appellanti u Dr Depiro Gourgion, u c-cirkostanzi illi fihom kienet giet iffirmata l-iskrittura originali ta' kera fl-1968.

Q. Illi fit-tielet pagna ta' l-affadivit tieghu a fol 86, Noel Radmilli irrefera ghal diversi dokumenti li kien qed jesbixxi u li kienu xhieda minn kawzi ohra. Illi jinghad illi ghar-rigward ta' Doc NR 4, u cioe x'xhieda ta' Dr Alessandro De Piro Gourgion fil-kawza fl-ismijiet Jane Attard vs Catherine sive Katie Sullivan, nhar is-16 ta' Marzu 1992, dakinhar huwa kien iddepona illi: 'jiena sid il-fond in kwistjoni u l-fond 2 St Paul's Sqaure, Mdina, mikrija rispettiviament lill-attrici u lill-konvenuta … dawn il-fondi nkrew permezz ta' skritturi li kopji forostatici taghhom qed nesebixxi ..'

R. Illi ghar-rigward tar-referenza ghal Dok NR5, jinghad illi l-konvenuta Kate Sullivan gustament ikkonfermat bil-gurament illi hija inkwilina fil-fond 2, St Paul Square, Mdina f'kawza sommarja tad-distrett quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Jane Attard (deciza 28/5/1987). Billi kkonfermat illi hija

‘tenant’ ma eskludietx li Micahel Bonello huwa ko-inkwilin magħha.

S. Illi għar-rigward ta’ dak allegat f’paġna 3 ta’ l-affidavit ta’ Noel Radmilli a fol 86, dwar dak li stqarr Dr Bencini, jiġi rilevat, u fil-fatt qed jiġi kkwotat mit-test illi:

“Dr Bencini għall-parti civili jirrileva illi safejn jaf hu r-rapport fil-proceduri msemmija mid-difensur ta’ l-imputata kienu saru minn Michael Bonello u li safejn jaf hu, il-kawża ma kienetx inqatgħet fil-mertu”.

T. Illi għar-rigward ir-referenza għal-paġna 12, fejn Michael Bonello qal bil-gurament illi jaf li d-dar fejn joqgħod hija mikrija lil Katy Sullivan, din l-ewwel nett għandha tinqara fil-kuntest illi kienet giet ipprezentata kopja ta’ l-iskrittura ta’ kera, u anke fil-kuntest tad-deposizzjoni fl-intier tagħha u dan għaliex Michael Bonello l-ewwel ma kkonferma kien illi huwa jgħix fil-fond in dizamina flimkien ma’ Kate Sullivan u z-zewg ulidiehom mir-relazzjoni tagħhom, Michael Adam Bonello, imwieled nhar l-20 ta’ Jannar 1970, u Andrew Rupert Bonello, imwieled nhar id-29 ta’ Gunju 1973.

U. Illi għar-rigward ta’ Dok NR3 esebit minn Noel Radmilli ma’ l-affidavit tiegħu a fol 90, jingħad illi Cpatain Michael Bonello, illi mhuwiex persuna legali, kien qiegħed jirrelata lilu dak li kien issuggerielu r-rapprezentant legali tiegħu, u kwindi dak propost ma kienx suggeriment tiegħu propio.

V. Illi għar-rigward ta’ Dok NR6 a fol 87, jiġi għal darb’oħra sottomess illi kawzi minn terzi vis-à-vis l-konvenuti mhumiex relevanti għall-kaz in dizamina u dana stante illi hawnhekk si tratta tal-fatt jekk il-konvenut appellant Captain Michael Bonello kienx rikonoxxut o meno mis-sid Dr Alessandro De Piro Gourgion bħala inkwilin.

W. Illi fix-xhieda tagħha tas-16 ta’ Gunju 2004, a fol 109 et seq, Doris Depiro Gourgion ikkonfermat bil-gurament (fol 110) illi:

**"fil-fatt il-kotba tal-amministrazzjoni kollha ta' l-istess zewgi ghaddew ghand Noel Radmilli. Dawn kienu jinkludu l-ledgers u dokumenti kollha relattivi ghall-propjeta' ta' l-istess zewgi. <u>Ghalhekk nghid min kienu l-inkwiini u c-censwalisti jirrizultaw mill-istess ledgers."</u>**

X. Illi mill-ledgers esebiti minn Noel Radmilli a fol 118 sa 125, jirrizultaw is-segwenti fatti:

i. Fol 121: "Michael Bonello ha assunto la responsabilita del affitto fino 31/3/1975 (fino alla …. Con Kate)."
ii. Fol. 121 fuq in-naha ta' wara: Pagamenti a/c credito pagina 49. Dawn il-pagamenti saru kemm minn Kate Sullivan kif ukoll minn Michael Bonello. Hemm notament ukoll illi jghid 'arrears have benn liquidated for the sum of £430 – debtor Michael Bonello – debtor Michael Bonello – private deed 14/10/77.
iii. Fol 122 – pagamenti versati da Michael Bonello a/c della somma di £430 u isfel hemm notament 'a saldo.'
iv. Fol 123 – Michael Bonello riferut bhala Mike u kate kienu qed ihallsu kera flimkien fl-ammont ta' £12.50 kull wiehed sa Novembru 1979, u sussegwentment Michael Bonello dejjem hallas il-kera wahdu.

Y. Illi kieku verament Dr De Piro Gourgion, illi ta' min wiehed ifakkar li kien avukat, ma riedx jirrikonoxxi lil Michael Bonello bhala inkwilin, kien jibghat kwalunkwe korrispondenza lil, u jiffirma skritturi privati ma' kate Sullivan, illi kienet tirrisjedi fl-istess indirizz ta' Michael Bonello, u mhux ma ' Michael Bonello. Kieku verament Dr De Piro Gourgion, ma riedx jirrikonoxxi lil Michael Bonello bhala inkwilin, ma kienx inizzel fil ledger personali tieghu illi l-pagamenti tal-kera saru minnu u minn Kate, jew minnu biss, imma seta' nizzel biss paid, jew a dirittura jindika illi l-pagament imhallas minn Michael sar ghan-nom ta' Kate Sullivan.

Z. Illi kien fil-fatt bhala rizultat ta' dak indikat fil-ledger personali ta' dr Depiro Gourgion illi Noe Radmilli

kien ikkomunika permezz ta' ittra datata 21 ta' Gunju 1995 ma' Michael Boneool (fol 69) u mhux ma' Kate Sullivan wara l-mewt ta' Dr Depiro Gourgion.

AA. Illi l-Ligi li giet applikata fil-kawza in dizamina kienet il-Kap XVI, mentri fil-fatt kellu jigi applikat l-artikolu 5 tal-Kap 158, u dan stanti illi:-

I. Kate Sullivan kienet saret cittadina Maltija fil-mori tal-proceduri u ghalhekk japplika il ius superveniens. L-artikolu 5 tal-Kap 158 jistipula illi wiehed ikun cittadin Malti fit-terminazzjoni tal-kirja, u ghalhekk gialadarba Kate Sullivan kienet cittadina Maltija fid-data tas-sentenza kellu japplika dan il-Kap tal-Ligi.
II. Captain Michael Bonello kien cittadin Malti sa minn twelidu, rikonoxxut mis-sid bhala inkwilin sa mill-bidu nett tal-kirja, u sussegwentment b'diversi atti kif spejagat aktar il fuq, igawdi protezzjoni taht l-Artikolu 5 tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta.
III. Iz-zewg inkwilini dejjem uzaw il-fond mertu tal-kawza bhala r-residenza ordinarja taghhom sa mill-bidu tal-kirja, u fih kellhom zewg ulied frott ir-relazzjoni ta' bejniethom, Michael Adam u Andrew Rupert ahwa Bonello.
IV. Minhabba l-fatti su esposti, il-kongedo moghti lill-konvenuti appellanti kien illegali ghaliex huma kellhom il-fakolta illi jirrinovaw il-kirja a favur taghhom a tenur tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta.
V. Gialadarba kien hemm kontestazzjoni permezz ta' kawza, il-kirja ma gietx terminate bil-kongedo, imma tigi terminata jekk ikun il-kaz, wara sentenza defnittiva mill-Qorti ta' l-Appell.

BB. Illi huwa risaput illli qorti tat-tieni grad, hlief ghal ragunijiet serji, ma tiddisturbax l-apprezzament ta' Qorti ta' l-ewwel grad, u dan gie kkonfermat fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appel (Sede Inferjuri) tad-29 ta' Frar 2012.

CC. Illi pero saret mala applicazione della legge, u applikazzjoni tal-ligi hazina fil-qorti ta' l-ewwel grad, illi giet ikkonfermata fil-Qorti ta' l-Appell illi tiggustifika ritrazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 811 (e).

DD. Illi ghar-rigward ta’ l-aggravju illi l-Ligi hija diskriminatorja u kontra l-provvedimenti ta’ l-Artikolu 45(3) tal-ostituzzjoni jigi rilevat illi kontestwalment ma’ dan ir-rikors ghal ritrazzjoni qed jigu intavolati proceduri kostituzzjonali.

Ghaldaqstant, l-esponenti filwaqt li jipprezentaw il-mallaverija annessa ma’ dan l-att, idonea skond il-ligi ghall-ispejjez ta’ din il-procedura, u jaghmlu refernza ghall-provi gja prodotti u jirriservaw li jipproducu l-provi kollha necessarji, jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja r-revoka jew thassit tas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fid-29 ta’ Frar 2012 ghall-Avviz Numru 2284/97 fl-ismijiet Doris Depiro et vs Kate Sullivan u Captain Michael Bonello a tenur tas-Subinicizi (e) u (l) ta’ l-Artikolu 811 tal-Kodici tal-Procedura Civili billi s-sentenza kienet l-effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti u talli kien hemm applikazzjoni tal-ligi hazina u mala applicazione della legge, tordna r-ritrattazzjoni tal-imsemmija kawza u fil-mertu tilqa’ l-appell interpost mill-esponenti fil-kawza msemija billi tichad id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta’ Novembru ta-sena 2010, bl-ispejjez kollha kontra l-intimati biex b’hekk tigi amministrata gustizzja skond il-Ligi.

**Rat ir-Risposta tal-atturi ghar-rikros ta’ ritrattazzjoni fejn gie sottomess:-**

Illi dan ir-rikors ta’ ritrattazzjoni jidher li huwa ibbazat fuq l-Artikoli 811 (e) u (1) tal-Kap XII tal-Ligijiet ta’ Malta peress li hemm biss accenn ghal dawn iz-zewg artikoli minghajr ma biss gie spjegat kif it-termini ta’ dawn l-Artikoli japplikaw ghal kaz in ezami.

Dan hekk imsejjah rikors ta’ ritrattazzjoni huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fejn ir-

rikorrenti ghamlu deskrizzjoni twila ta’ fatti u riferenzi irrelevanti aljeni ghal rikors ta’ ritrattazzjoni.

Gahlhekk anki f’dan ir-rigward dan ir-rikors ta’ ritrattazzjoni ghandu jigi michud.

Illi minghajr pregudizzju tal-premess l-esponenti jixtiequ jissottomettu dawn il-konsiderazzjonijiet.:-

Illi qabel xejn l-esponenti jissottomettu illi huwa pacifiku fid-dottrina u gurisprudenza patria illi r-rimedju ta’ ritrazzjoni ghandu dejjem jitqies u jittiehed bhala wiehed ta’ indoli straordinarja (Vol XXIX-1-798) u ir-regoli li jiggvernaw dan ir-rimedju eccezjonali huma konsegwentement ta’ interpretazjoni stretta hanfa (Vide Vol XXVII – I 0 88; XLII-I-227).

Illi kif dejjem gie kostantement ritenut mill-Qrati taghna dan ir-rimedju ta’ ritrattazzjoni ‘non si da per qaulunque caso div era o supposta ingustizia, di vero o supposto errore di fatto o di diritto, ma solo in quei casi tassativamente stabiliti dalla legge, dovendo in ogni altro caso prevalere la stabilita del giudicata importa grandemente alla sicurezza civile’ (Vol XXV-I141 u ohrajn).

Illi aktar recentement fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta’ Mejju 2004 mghotija fil-kawza fl-ismijiet ‘Helem mart il-President tal-Qorti tal-Appell Dottor Carmelo Schembri et – vs – Anthony George Zahra et’ dik il-Qorti ghamlet riferenza u sostniet l-argumenti avvanzati fis-sentenza tal-Qorti tal-appell tat-30 ta’ Gunju 2003 fil-kawza fl-ismijiet ‘Julian Sammut et noe – vs – Mary sive Marlene Mizzi er nomine’ fejn il-posizzjoni giet posta hekk: ‘Ir-rimedju tar-ritrattazjoni huwa wiehed straordinarju u eccezzjonali in kwantu jikkostitwixxi deroga ghal-principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi ligi bejn il-kontendenti. Dan ir-rimedju, ghalhekk jista’ jigi invokat biss fil-kazijiet tassativament elenkati fil-ligi u inoltre id-disposizjonijiet relattivi ghandhom jigu interpretati ristrettivament. Konsegwentement ma jistghax jigi permess lil ebda wiehed mill-partijiet li taht il-pretest ta’ ritrattazjoni jerga’

jiftah il-kawza u b'hekk indirettament jipprova jikkreja ghalih tribunal ghat-tielet istanza.'

Art 811 (e)

Illi skond ir-rikorrenti hemm applikazjoni ta' dan l-Artiklu peress li fi klemhom 'il-Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha'.

Dan juri b'mod car fi kliem tal-istess rikorrenti illi hawnhekk ma huwiex kaz ta' applikazzjoni hazina tal-ligi izda analasi tal-fatti li ma tghatiex lok ghar-ritrattazzjoni skond dan l-Artikolu.

Dan l-Artikolu 811 (e) jiddisponi li jkun hemm lok ghar-ritrattazzjoni fuq il-kawzali li s-sentenza applikat il-ligi hazin fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabilit fis-sentenza attakkata ma tkunx skond il-ligi basta l-kwistjoni ma tkunx interpretazjoni ta' ligi li fuqha l-Qorti tkun espressamentat tghat decizjoni (sottolinear tal-esponenti).

Mis-sottomissjonijiet mghamula mir-rikorrenti jidher li dawn qeghdin jipprovaw jottjenu revizzjoni ta' dak li l-Qorti tal-appell (Sede Inferjuri) kienet espressament iddisponiet fis-sentenza taghha tad-29 ta' Frar 2012.

Dan mhux legalment permissibli billi b'dan il-mod ir-rikorrenti jkunu qed jittantaw li jghamlu appell minn decizjoni mghotija fis-sekonda istanza. Fi kliem iehor l-allegazzjoni infondata tar-rikorrenti ritrattandi li s-sentenza tad-29 ta' Frar 2012 applikat il-ligi hazin hija manifestatament infondata u dan anki jidher mis-semplici qari ta' dan ir-rikors.

Illi ta' min jirrileva ukoll illi ir-rikorrenti naqsu li jsemmu l-ligi li kien imissha giet applikata kif jiddispondi l-Art 916 tal-Kap 12.

Art 811 (L)

Ir-rikorrenti naqsu li jispjegaw kif u fejn is-sentenza kienet l-effett ta’ zball li jdiher mil Atti jew dokumenti tal-kawza kif provdut f’dan l-Artikolu.

Fil-fatt dan l-Artikolu, kontrarjament kif allegat mir-rikorrenti ma japplikax ghal apprezzament zbaljat da part ital-Qorti tal-provi prodotti quddiemha izda meta il-gudizzju kien effettwat minn zball li johrog mill-provi jew dokument esebiti fil-kawza.

Konsegwentement ma huwiex il-kaz li jigi applikat dan l-Artiklu fil-proceduri tar-ritrattazzjoni.

Ghaldaqstant l-esponenti jissottomettu bir-rispett illi r-rikors tar-ritrattazzjoni jigi michud bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza li huma rilevanti u senjatament is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta’ Novembru 2010 fejn gew akkolti t-talbiet attrici u l-konvenuti gew ikkundannati sabiex sat-22 ta’ Frar 2011 jizgombraw mill-imsemmi fond.u s-sentenza ta din il-Qorti (diversament presjeduta) tad-29 ta’ Frar 2012 li biha giet konfermata l-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u ghal finijiet tal-izgombrament gie prefiss it-terminu ta’ tletin (30) gurnata mid-data tas-sentenza.

L-appellanti ritrattandi qed jitolbu li l-imsemmija sentenza ta’ din il-Qorti (divesament presjeduta) tad-29 ta’ Frar 2012 tigi ritrattata.

Semghat it-trattazjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet dwar it-talba ghar-ritrattazzjoni tal-apellanti ritrattandi.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita ghhas-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Bil-presenti qed tigi deciza t-talba tar-ritrattandi sabiex l-imsemmija sentenza li nghatat minn din il-Qorti

(diversament presjeduta) fid-29 ta’ Frar 2012 tigi ritrattata. In effett huma qed jitolbu li prevja r-revoka jew thassir tal-imsemmija sentenza a tenur tas-Subinicizi (e) u (i) ta’ l-Artikolu 811 tal-Kodici tal-Procedura Civili billi s-sentenza kienet l-effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti u talli kien hemm applikazzjoni tal-ligi hazina u mala applicazione della legge, tigi ordnata r-ritrattazzjoni tal-imsemmija kawza u konsegwentement jigi akkolt l-appell tar-ritrattandi u t-talba originali tar-ritrattati tigi michuda u dana kollu biex b’hekk tigi amministrata gustizzja skond il-Ligi.

Hu assodat u ben maghruf li l-gudizzju tar-ritrattazzjoni ghandu zewg ghanijiet ijifieri l-ewwel dak li tigi mhassra sentenza li tkun saret gudikat bejn il-partijiet u sussegwentement dak li terga tinfetah t-trattazzjoni tal-kawza biex tinghata sentenza mill-gdid.  Issegwi ghallhekk li il-gudizzju tar-ritrattazzjoni hu kompost minn zewg stadji, wiehed differenti mill-iehor mgharrufin fid-dottrina legali bhala ‘in rescindente’ u ‘in rescissorio’.  Ghalhekk il-ligi taghna trid u tesigi li qabel xejn ghandha tigi mhassra jew revokata s-sentenza mpunjata billi minghajr dan it-thassir mhux possibili li l-kawza tigi trattata mill-gdid. Huwa biss wara li jkun sar dan li tista’ ssir il-trattazzjoni mill-gdid tal-kawza billi sa kemm dak it-thassir ma jkunx sar dik is-sentenza tkun u tibqa ta’ ostakolu ghar-riezami tal-kawza (vide Qorti tal-Appell sentenza tal-11 ta’ Dicembru 2002 fl-ismijiet ‘Gaetano Fenech vs Maria Pisani’). Inoltre r-ritrattazzjoni ta’ kawza hu ritenut bhala rimedju straordinarju u ghalhekk il-ligi tipprovdi  permezz tal-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 il-varji bazijiet fuq liema l-ewwel tista tigi ordnata r-ritrattazzjoni tal-kawza (“in rescindente”). Dawn ghandhom jinghataw interpretazzjoni kemm jista jkun restrittiva u ghalhekk mhux wiesa. Ir-ritrattandi f’dan ir-rigward qed jaghmlu referenza ghas-subartikoli (e) u (i) tal-imsemmi artikolu.

Dawn is-sub-artikoli jipprovdu testwalment kif gej “(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin; ghall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikkazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta’ ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni;” u “(i) jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin;”

Ir-rkors promotur tar-ritrattandi ma jispjegax u ma jikkjarifikax sewwa fejn din il-Qorti (diversament presjeduta) applikat b’mod zbaljat u hazin il-ligi u fejn fis-sentenza hemm disposizzjonijiet kontra xulxin ghalkhemm fl-istess rikors hemm dak li jista jinghad li hu accenn ghal dan. Fl-istess -rikors promotur ir-ritrattandi jissottomettu li fis-sentenza mill-provi jirrizulta li l-kirja tal-fond 2, St Paul Square Mdina kienet favur iz-zewg konvenuti u hekk kellu jigi ritenut mill-Qorti li ppronunzjat is-sentenza in kwestjoni. Inoltre r-ritrattanti jissottomettu li mid-data li l-Kate Sullivan saret cittadina Maltija hija kellha d-dritt li tibqa’ tokkupa l-fond b’titolu ta’ kera abbazi ta’ l-Artikolu 5 tal-Kap 158. Huma jnsistu illi l-kera tal-fond kienet tghajjat ukoll lill-konvenut Michael Bonello li ghalhekk, skond huma, gie rikonoxxut bhala inkwilin.

F’dan ir-rigward din il-Qorti esaminat il-provi kollha prodotti u tikkonkludi li ma jirrizultax b’mod sufficjenti li r-ritrattandi Kaptan Michael Bonello kien gie rikonoxxut bhala ko-inkwilin tal-fond in kwestjoni. L-istess provi in effett jindikaw li l-istess ritrattandi kien biss obbliga ruhhu versu s-sidien li jhallas arretrati ta’ kera dovuti mill-ritrrattandi l-ohra Kate Sullivan.

M’hemmx dubju lil-iskrittura ta’ kera relattiva giet iffirmata minn Kate Sullivan bhala l-inkwilina mentri r-ritrattandi l-iehor lanqas biss deher. Jista jkun li l-awtur tar-ritrattati u l-imsemmi Captain Michael Bonello kienu hbieb pero’ dan zgur li ma jfissirx awtomatikament li l-istess Bonello kellu gie rikonoxxut bhala ko-inkwilin. Il-provi l-ohra kolha li ghalihom ghamlu accenn ir-ritrattandi huma kollha cirkostanzjali u ma jwasslux ghal prova sufficjenti kif jirritjenu l-istess ritrattandi. Sabiex jista jinghad li persuna

giet rikonoxxuta bhala inkwilin hu necessarju li dan il-fatt jirrizulta b'mod car u nett u mhux bil-mod kif qed isostnu r-ritrattandi.In effettt ir-ritrattandi jghmlu referenza ghax-xhieda u ghal dokumenti u jaghtuhom it-tifsira kif jaqbel lit-tezi taghhom. Dan Zgur li hux bizzejjed li jista jinghad li jirrizultaw sufficjentement il-fatti kif interpretati mir-ritrattandi

Ir-ritrattandi jirreferu ghal fatt li, skond huma, Kate Sullivan saret cittadina Maltija fil-mori tal-proceduri u ghalhekk ghandha tapplika il ius superveniens. HUma jaghmlu referenza ghall-artikolu 5 tal-Kap 158 li jipprovdi illi jekk l-inkwilin ikun cittadin Malti fit-terminazzjoni tal-kirja ghandu japplika l-imsemmi Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod partikolari fis-sentenza kellu jigi applikat l-imsemi Kapitolu. Di piu' l-fond intuza dejjem bhala residenza. Minhabba dan kollu, skond ir-ritrattandi l-kongedo moghti lir-ritrattandi kien illegali peress li r-ritrattandi kellhom il-fakolta' ii jirrinovaw il-kirja favur taghhom a tenur tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta.
Ir-ritrattandi ma jidhrux li huma tant ziguri minn dan kollu. Inoltre hafna mill-fatti li r-ritrattandi bbazaw dawn l-argument ma gewx pruvati sufficjentement. Kwindi ma jistax jinghad lid an l-argument huwa validu. Ma jirrizultax sufficjentement li huma applikabbli l-provedimenti tal-imsemmi Kapitolu. Ma jirrizulta xejn irregolari fir-rigward tal-kongedo u kwindi dan l-agument ma jista qatt jigi akkolt. Lanqas ma jirrizulta li kien applikazzjoni hazina tal-ligi fit-termini tal-artikolu 811(e). L-anqas jirrizulta li hemm disposizjoni kontra xulxin.

Il-Qorti hi propensa li taqbel mar-ritrattati u cioe' li dan ir-rikors ta' ritrattazzjoni iktar jixbah rikors ta' appell minn sentenza li gia nghatat mll-Qorti tal-Appell. Hu ovvju u evidenti li la darba sentenza nghatat mill-Qorti tal-Appell ma tistax tigi riveduta mill-istess Qorti tal-Appell jekk mhux tramite il-procedura tar-ritrattazzjoni.

In vista ta' dak kollu li gie premess ma jirrizultawx motivi bizzejjed skond il-ligi biex l-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tigi ritrattata u kwindi t-talba

tar-ritrattandi kif dedotta ma tistax tigi akkolta u ghalhekk qed tigi respinta.

Tiddeciedi ghalhekk billi ghar-ragunijiet premessi tichad it-talba tar-ritrattandi. Tifissa ghal finijiet tal-izgumbrament it-terminu ta’ xahar millum.

Spejjez kollha kontra r-ritrattandi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------